# Livell 1

L-ewwel livell ta' *Tikka Qari* jinkludi **erba'** kotba li huma kollha fittizji. Il-kotba f'dan l-ewwel livell huma marbutin ma' dawn it-temi, li jinsabu f'*Tikka Malti 1a*: **il-familja**, **l-iskola**, **il-kuluri u l-ġugarelli**, u **d-dar**. L-għan hu li jsaħħu l-vokabolarju li t-tfal ikunu tgħallmu f'*Tikka Malti 1a* u *Tikka Kliem*. Kull ktieb huwa mfassal biex jinqara wara li titlesta t-tema rispettiva f'*Tikka Malti* u *Tikka Kliem*.

### Karatteristiċi ta' Livell 1

1. Tmien paġni f'kull ktieb
2. Jinkludi kliem **kvkv**, **kvk**
3. Jeskludi kliem bl-**għ**, l-**h** u l-**ie** (ħlief vokabolarju minn *Tikka Malti*)
4. Il-kliem kollu b'sillaba waħda jew żewġ sillabi
5. Jinkludi vokabolarju minn *Tikka Kliem* u *Tikka Malti 1a*
6. Jeskludi kliem b'konsonanti li jitilfu l-leħen fil-bidu, fin-nofs u fl-aħħar tal-kelma

### L-istejjer u t-temi

*Papà! Mamà!* – it-tema: familja (minn *Tikka Malti 1a*, Taqsima 2)
*Qum!* – it-tema: l-iskola (minn *Tikka Malti 1a*, Taqsima 3)
*Rota jew ballun?* – it-temi: il-kuluri u l-ġugarelli (minn *Tikka Malti 1a*, Taqsimiet 4, 5)
*Fejn mar Pippi?* – it-temi: id-dar u l-kmamar (minn *Tikka Malti 1a*, Taqsima 6)

### Introduzzjoni għall-karattri

Il-kotba tal-ewwel livell jintroduċu lill-familja prinċipali ta' dawn l-istejjer: il-mamà, il-papà u t-tfal Nina, Ġanni u t-tarbija Luka. Jintroduċu wkoll l-annimali tal-familja: Tina l-qattusa u Pippi l-pappagall. Niltaqgħu anki man-nanna, man-nannu u maz-ziju Piju.

Biex tintroduċi l-karattri, irreferi għall-*posters* kif ukoll għas-sezzjoni tal-karattri li ssib fis-sezzjoni dwar kull ktieb f'dawn ir-riżorsi.

### Riżorsi għal kull ktieb ta' Livell 1

1. *podcast* bl-istorja (li tista' titniżżel minn **www.merlinpublishers.com/tikkaqari/podcasts.html**)
2. suġġerimenti għal punti ta' diskussjoni
3. informazzjoni dwar kliem ċavetta, kliem **kvkv**, **kvk**, kliem b'sillaba jew b'żewġ sillabi u referenza għall-kliem minn *Tikka Malti 1a* u *Tikka Kliem*
4. *posters* tal-karattri u deskrizzjoni tagħhom
5. paġni bil-karattri biex jagħtuhom l-kulur
6. taħriġ għal kull ktieb b'għanijiet speċifiċi għal kull taħriġ
7. leħħiet bil-kliem biex jinbnew sentenzi ħfief

(Ir-riżorsi 4-7 jistgħu jitniżżlu minn **www.merlinpublishers.com/tikkaqari/supplimentari.html**)